MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 665/2012

**Silvio Buttigieg**

**Vs**

**Jonathan Busuttil**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-25 ta' Settembru, 2012** u li permezz taghha talab lill-intimat ihallas is-somma ta' elf u tlett mitt euro [€1,300] u dan wara li ppremetta hekk:

> "L-intimat jhallas s-somma ta' elf u tlett mitt euro (€1,300) rappreżentanti hsarat li huwa ikkaġuna fuq vettura NPY-905 Scania coach proprjetà tal-attur. Bl-ispejjez inklużi tal-ittra bonaria u gimghatejn notice dovuta mill-intimat lil attur, li ma thallsux wara li arbitrarjament temm l-impjieg in segwitu tal-hsarat kaġunati; u VAT fuq xogholijiet ta' tiswija fuq l-vettura NPY-905".

Ra **r-risposta tal-intimat** u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

> "Illi l-esponenti jwieġeb illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghall-ragunijiet segwenti:
>
> 1. Illi preliminarjament l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal li jiehu konjizzjoni tat-talbiet attriċi stante illi ai termini tar-raba skeda tal-Kap 387 tilwima li toriġina minn hsara involontarja fil-proprjeta li tinvolvi l-vettura ghandha tiġi determinata b'arbitragg.
>
> 2. Illi fil-mertu l-esponenti ma huwa hati ta' l-ebda dannu kif jallega l-attur.
>
> 3. Illi fil-mertu ukoll u b'referenza ghat-talba tal-attur rigwardanti danni, dawn iridu jiġu pruvati skond il-ligi.
>
> 4. Illi fil-mertu ukoll b'referenza ghat-talba ta' l-attur ghal gimghatejn notice, l-esponenti iwieġeb li anki din it-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi mhuwiex minnu li l-esponenti temm l-impjieg iżda kien l-attur li keċċa lill-konvenut inġustament u mhux skond il-ligi wara l-incident fuq il-vettura u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza bl-ispejjez kontra l-attur";

Ra l-verbal tat-22 ta' Jannar, 2013 fejn id-difensuri tal-partijiet qablu li *"... l-kwistjoni odjerna taf il-bidu taghha meta l-intimat kien qieghed iregga lura x-xarabank proprjetà tar-rikorrenti f'garage. F'din il-manuvra intlaqtet l-imsemmija xarabank u ġratilha l-hsara*";

Ra n-nota tar-rikorrenti datata 11 ta' April, 2013 fejn *"... ir-rikorrenti qieghed jillimita l-ammont kif mitlub fit-talba oriġinali ghal tlett mija hamsa w sebghin euro (375 euro) stante illi l-ammont rimanenti ser jkun kontestat permezz ta' Arbitragg*";

Imbaghad, fil-verbal datat 16 ta' April, 2013 Dr David Gatt ghar-rikorrenti rrileva *"li l-ammont ta' Eur 375 (tlett mija u hamsa u sebghin ewro) jirreferi*

*ghal tlett ġimghat notice dovuti minn l-intimat lir-rikorrenti*". Sussegwentement skond ma jirrizulta mill-verbal tas-16 ta' Ottubru, 2013, d-difensur tar-rikorrenti Dottor David Gatt qal li "*dan l-ammont ta' tlett ġimghat wasal ghalih peress li l-intimat kien ilu disa' xhur impjegat mar-rikorrenti*" (fol. 41).

Ra l-verbal tat-8 Jannar, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, rikorrenti qieghed jitlob lill-intimat jhallsu ta s-somma ta' €375 ghal tlett ġimghat notice[1]. L-intimat da parti tieghu beda billi qal li dan it-Tribunal ma ghandux il-kompetenza li jiehu konjizzjoni tat-talbiet rikorrenti stante illi ai termini tar-raba skeda tal-Kap 387 tilwima li toriġina minn hsara involontarja fil-proprjeta li tinvolvi l-vettura ghandha tiġi determinata b'arbitragg. Qal ukoll li l-intimat ma huwa hati ta' l-ebda dannu kif jallega r-rikorrenti u li fil-mertu u b'referenza ghat-talba tieghu ghad-danni, r-rikorrenti jehtieglu li jippruvahom skond il-ligi. Finalment u b'referenza ghat-talba tar-rikorrenti ghal gimghatejn notice, huwa qal li anki din it-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi m'huwiex minnu li l-esponenti temm l-impjieg iżda kien ir-rikorrenti li keċċa lill-intimat inġustament u mhux skond il-ligi wara l-incident fuq il-vettura u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

[1] Ara verbali tas-16 ta' April, 2013.

Ikkunsidra;

2. Fis-seduta tas-16 ta’ April, 2013 **xehdet Amanda Buttigieg**. Hija bdiet biex tghid li hi u żewġha r-rikorrenti ghandhom negozju tal-*coaches* privati bl-isem ta’ Kopta Co Coaches. Ziedet tghid li hi tghin lil zewgha f’dan in-negozju. Hi kienet tiehu hsieb il-paga ta’ l-intimat li kien jahdem maghhom bhala *driver*. B’kollox l-intimat ghamel disa’ (9) xhur jahdem maghhom u ma kienx hemm kuntratt ta’ xoghol bil-miktub. Ix-xhud esebiet dokument rilaxxat mill-ETC (dok. AB 1 a fol. 22) li minnu jirrizulta li l-intimat beda jahdem mar-rikorrenti fis-16 ta’ Jannar, 2012 u spicca fl-1 ta’ Settembru, 2012. Minn dan id-dokument jirrizulta ukoll li r-raguni ghat-terminazzjoni ta’ l-impjieg kienet “qabad u telaq” (fol. 22). Bhala paga huwa kellhu l-ammont ta’ mija sitta u tmenin euro (€186) fil-gimgha u kien jithallas kull nhar ta’ Sibt. Kompliet tghid ix-xhud li “*gieli kien hemm okkazzjonijiet fejn anka tajtu izjed minn hekk fil-gimgha l-ghaliex jiddependi kemm ikun ghamel xoghol extra*” (fol. 20). Qalet ukoll li l-intimat kien involut f’incident fejn huwa kien laqghat il-bibien tal-gnub tal-*coach* li kien qieghed isuq. Stqarret li wara dan l-incident, l-intimat dam jahdem maghhom ghal xi ftit taz-zmien u lahaq hallas l-ammont ta’ mija u sebghin euro (€170) mill-hsarat li kien ikkaguna fuq dawn il-bibien tal-gnub tal-*coach*. Ix-xhud tghid li l-intimat qabad u ma giex izjed ghax-xoghol. Ghar-rigward tal-bolla, x-xhud tghid li din kienet tithallas kollha minn zewgha. Kompliet tghid li hija waslet “*ghal ammont ta’ tlett mija hamsa u sebghin ewro (€375) wasalt ghaliha billi kont nghid u ghidt huwa jircievi dan l-ammont kull hmistax u allura huwa dan l-ammont li ghandu jaghtina*” (fol. 21). Qalet li hi kemm-il darba ppruvat tasal fi ftehim ma’ l-intimat izda kien kollu ta’ xejn.

In kontro-ezami, meta x-xhud ġiet mistoqsija jekk il-paga tal-intimat kienitx xi minn daqqiet inqas mis-somma ta’ mija, sitta u tmenin ewro (€186) kull hmistax hija wiegbet fin-negattiv. Bl-istess mod wiegbet ghal mistoqsija jekk hi kienitx taf li zewgha kien qal lill-haddiema tal-garaxx illi kien ser ikecci lill-intimat madwar xahar qabel ma sehh l-incident fil-bibien tal-*coach*. Qalet pero li hija kienet qeghda taqta l-ispejjez dovuti

mill-intimat ghal incident li kien sehh fil-*coach* li kien qieghed isuq bi qbil mieghu.

Fis-seduta tal-25 ta’ Gunju, 2013 hija kompliet tixhed u qalet li b’ referenza ghall-ammont ta’ tlett mija hamsa u sebghin ewro (€375) li hija kienet xehdet dwarhom precedentement, l-ammont ta’ mitejn u erbghin ewro (€240) hija ghall-vjaggi mitlufa. Hemm ukoll l-ammont ta’ tlett mija u sittax-il ewro (€316) ghal *notice* l-ghaliex l-intimat qabad u telaq minn fuq ix-xoghol. In-*notice* dovut huwa ta’ hmistax. Qalet ukoll li hija kienet qatatlu s-somma ta’ mija u hamsin ewro (€150) bhala parti mill-hsarat li huwa kien ghamel fuq il-*coach*.

Ix-xhud kompliet tispjega li fuq l-ewwel faċċata tad-dok. AB 1 (fol. 31) hemm ic-cifra ta’ erba’ mitt euro (€400) miktuba bil-lapes. Qalet li minkejja dan, peress li fix-xhieda li hija kienet taght fis-seduta preċedenti hija kienet semmiet is-somma ta’ €375, kien dan l-ahhar ammont li hija kienet qeghda tinsisti ghalih u mhux ghal ammont ta’ €400.

3. **Ir-rikorrenti xehed** fil-11 ta’ Gunju, 2013. Huwa qal li ghandu negozju ta’ *coaches* u *buses* u l-intimat kien wiehed mix-xufiera tieghu. Qal li l-intimat kien jippercepixxi s-somma ta’ mitejn euro (€200) fil-gimgha u dam jahdem mieghu ghal madwar 4 jew 5 xhur. Darba fost l-ohrajn, ikompli jghid ir-rikorrenti, waqt li l-intimat kien “*ser jibda jsuq fetah il-bieba tal-genb tal-coach beda jsuq u din laqtghet il-hajt tal-genb u tqacctet*” (fol. 26). Ir-rikorrenti qal li dwar dan l-incident kien cempillu certu Anton li jahdem mas-socjeta Kopta Co u qallu li l-intimat kien qieghed jibki. Qallu li l-intimat “*ghandu hafna pressure go rasu*” (fol. 26). Ir-rikorrenti cempel lill-intimat u wara li staqsieh x’kien gara l-intimat qallu li kien ghamel xi hsara fit-trakk. Ir-rikorrenti assigura ruhhu li l-intimat ma kienx weggha u li lanqas terzi ma kienu involuti u qallu li ma kellhux ghalfejn joqghod jinkiweta. Ir-rikorrenti qal li l-intimat kien qallu li huwa kien sejjer jaghmel tajjeb ghal hsara u fil-fatt beda jaghtih hamsin

ewro (€50) fil-gimgha mill-paga tieghu sabiex jaghmel tajjeb ghal din il-hsara.

Ir-rikorrenti qal li qabel ma telaq l-intimat minn fuq il-post tax-xoghol, huwa kien lehaq tah mija u hamsin ewro (€150).

Lejliet li l-intimat telaq, ir-rikorrenti kien cempillu u qallu li l-ghada ma kienx hemm xoghol ibbukkjat. Qallu ukoll li l-paga ta' tlett mija u xi haga fuqhom cash kienet qeghda fuq il-fridge u li seta jmur ghaliha l-ghada. Is-Sibt, il-Hadd u t-Tnejn huwa cempillu izda ma rnexxielux jaqbdu. It-Tnejn filghaxija r-rikorenti mar ghand omm l-intimat u staqsieha ghalih. Qaltlu li kien ghadu ma marx lura d-dar u qabel ma telaq minghandha, huwa talabha tghid lill-intimat sabiex icempillu "*l-ghaliex jiena ridt inkun naf x'kien ser jigri, jew inqabbad xufier jew inkella kien ser jidhol lura hu*" (fol. 27). X'hin telaq, huwa mar lejn ix-Xaghjra ta' Haz Zabbar u sab lill-intimat hemmhekk. Staqsieh x'kien bi hsiebu jaghmel u l-intimat wiegbu li "kien xaba jahdem mieghi u ghalhekk qalli li ma kienx ser jidhol izjed ghax-xoghol" (fol. 27). Huwa staqsieh ghac-cwievet u l-*mobile* tal-kumpanija u l-intimat qallu li c-cwievet kien tefghahom fil-*letter box* filwaqt li l-*mobile* kien jinsab ghandu d-dar. Sussegwentement dan inghata lir-rikorrenti. Ir-rikorrenti qal li qabel ma telaq minn hdejn l-intimat huwa staqsieh x'kien ser jaghmel ghar-rigward tad-danni u dan, skond ir-rikorrenti qallu li "*kien ser jibqa jhallashom bil-mod*" (fol. 27). Qallu li ma kienx hemm problema biex jaghmel hekk. Ir-rikorrenti ghalaq ix-xhieda tieghu billi qal li minhabba dan l-agir tal-intimat huwa tilef jumejn xoghol.

4. **L-intimat xehed** permezz tal-procedura ta' l-affidavit. Huwa qal li kien jircievi paga ta' xi €185 fil-gimgha. Jistqarr li ghalkemm kien jaghmel hafna vjeggi ghar-rikorrenti, huwa kien ikollu jittallab biex jircievi l-paga. Qal li *sick leave* qatt ma kellhu, kif ma kellhux *leave*. Qal li "*meta kont nitlob gurnata leave biex immur l-isptar kien inaqqasli €30 mill-paga*" (fol. 35). Dwar it-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu, l-intimat ighid li "*kont*

*waqaft wara li kien qal lil kulhadd li ser iwaqqafni u kont avzajtu hmistax qabel li jiena ma ridtx nahdem aktar mieghu u li kellu jsib xufier iehor*" (fol. 35). B'referenza ghal incident li sehh fejn kienet intlaqghtet il-bieba tal-*coach* li kien qieghed isuq l-intimat, huwa qal li dan l-incident ma kienx sar attaposta minnu u li huwa kien kellem lir-rikorrenti sabiex jara xi spejjez kien hemm biex jara jekk kienx ser jaghmel *claim* mal-assikurazzjoni tal-*coach* l-ghaliex din kienet koperta b'*insurance*. L-intimat qal li r-rikorrenti kien qieghed jghidlu li ma kienx hemm hsara u biex ma jaghtix kaz u fil-fatt baqa jahdem ghar-rikorrenti. Jistqarr pero li "*minn dak iz-zmien il-quddiem l-affarijiet inbidlu u gravaw hafna*" (fol. 35). Qal li wara dan l-incident, huwa beda jhossu "*mdejjaq hafna u msawwat u kien hawnhekk li ndunajt li ma stajtx nahdem aktar f'dan l-ambjent f'dan id-dwejjaq u kont infurmajt lil Silvio personalment li kellhu jfittex xufier iehor u li fi zmien hmistax jiena kont ser nieqaf*" (fol. 35). Dan kollu gara, skond l-intimat, minhabba li mart ir-rikorrenti "*... kienet dejjem toqghod titkerrahli u tghassisli u dejjem mohhom biex ifittxu fit-trukk biex jaraw kienx hemm xi haga hazina*" (fol. 35). Ir-rikorrenti, kompla jghid l-intimat, kien anke qallu li "*... kien ser jibda jaqtali xi haga mill-paga biex jithallas tal-hsara u din lanqas ma kienet kundizzjoni accettabbli meta huwa setgha jiclaimja bl-insurance*" (fol. 35). Dan it-tnaqqis kien affettwa hafna lill-intimat u dan peress li huwa diga kellhu ftit paga ghax-xoghol li kien qieghed jaghmel u li meta kien ser jibda jinqatalu dan l-ammont, huwa kien ser jispicca b'xejn f'idejh.

L-intimat qal ukoll li huwa kien henn liz-Zinnu sabiex jirranga din il-bieba. Qal li kull ma waqaf il-*coach* kien ghal jumejn. L-intimat qal ukoll li r-rikorrenti kien qatalu s-somma ta' €300 mill-paga ghal din il-hsara li garbet il-*coach*. Qal ukoll li r-rikorrenti huwa bniedem difficli hafna biex tahdem mieghu u li kien qieghed jaghmillu hajtu infern. Skond l-intimat, ir-rikorrenti "*... ma kienx itini leave, jew sick leave jew bonus u lanqas payslip qatt ma tani*" (fol. 36). F'Awwissu, 2012 l-intimat ighid li huwa tah l-avviz li kien ser jitlaq mix-xoghol u sabiex isib xufier iehor. L-intimat hekk ghamel u fl-1 ta' Settembru, 2012 ma reghax dahal lura ghax-xoghol. Jaghlaq l-affidavit tieghu billi qal li r-rikorrenti "*kien ihaddimni hafna hinijiet strambi u l-paga dejjem kienet dejjem minima u qatt ma*

*tinbidel u trid tokroblu ghaliha meta kuntratt tax-xoghol qatt ma kellhi u lanqas naf x'kundizzjonijiet suppost kellhi – baghtejt hafna mieghu izda d-decizjoni li nieqaf kienet wahda tajba wara kollox ghax inhoss li issa qieghed aktar kuntent fejn nahdem*" (fol. 36-37).

In kontro-ezami, l-intimat qal li huwa kellhu ktieb tax-xoghol u fuq mistoqsija tat-Tribunal jekk huwa kienx jiehu *leave*l-intimat wieġeb u qal li "*... kont niehu leave imma ma kontx nithallas*" (fol. 39). Mistoqsi jekk jafx li r-rikorrenti kien qieghed ihallaslu l-bolla, l-intimat wieġeb li ma kienx jaf. Li jaf dwar dan huwa li hu qatt ma hallas il-bolla. B'referenza ghall-ammont ta' €300 li huwa semma' fl-affidavit tieghu, l-intimat qal li "*.... dawn kienu nqatghu direttament mir-rikorrenti mill-paga*" (fol. 40). Kompla jghid li "*jiena apparti dan l-ammont nikkalkula wkoll illi ghal kull ġurnata leave li jiena kont niehu huwa kien jaqtghali bejn tletin (30) u hamsa u tletin ewro (€35)*" (fol. 40).

Ikkunsidra ulterjorment;

5. L-ewwel eċċezzjoni mqanqla mil-intimat hija ta' l-inkompetenza tat-Tribunal li jiehu konjizzjoni tat-talbiet attriċi stante illi ai termini tar-raba skeda tal-Kap 387 tilwima li toriġina minn hsara involontarja fil-proprjeta li tinvolvi l-vettura ghandha tiġi determinata b'arbitragg. Din l-eccezzjoni ġiet sorvolata in vista tan-nota tar-rikorrenti datata 11 ta' April, 2013 (fol. 18) u l-verbal datat 16 ta' April, 2013 (fol. 19). Ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda tiġi michuda.

6. It-tieni u t-tielet eċċezzjoni huma dwar id-danni li r-rikorrenti kien qieghed jirriklama meta ntavola t-talba odjerna. In vista ta' dak li inghad hawn fuq ghar-rigward tan-nota mressqa mir-rikorrenti fil-11 ta' April, 2013 u l-verbal tas-16 ta' April, 2013 anke dawn l-eccezzjonijiet qeghdin jiġu michudin.

7. Jifdal x'tigi deċiża l-ahhar eċċezzjoni tal-intimat u cioe li b'referenza ghall-gimghatejn *notice* li qieghed jitlob ir-rikorrenti minghandu din hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi m'huwiex minnu li huwa temm l-impjieg tieghu iżda kien ir-rikorrenti li keċċieh inġustament u mhux skond il-ligi wara l-incident fuq il-vettura.

8. F'materja ta' provi, l-apprezzament taghhom, il-piz li ghandhom jinghataw ċertu provi u liema ghandhom jiġu skartati jew eliminati nsibu li fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia** deciza fl-24 ta' Novembru, 1966 l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili qalet li:

   "*Illi huwa veru li hemm konflitt kbir bejn il-verzjoni ta' l-attur u dik tal-konvenut, izda mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita li minhabba fih ma tkunx tista tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa fuq ir-regola ta' l-'in dubio pro reo'. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha, imma meta dan il-konflitt ma jkunx gej minn semplici differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu certu grad ta' tolleranza u li ghalihom sewwa inghad li "tot homines tot sententiae", u lanqas ma jkun gej minn verzjonijiet differenti 'bona fidcidenti li jigru u jintemmu malajr u ghalarrieda, e.g. identita, velocita ta' vejikoli, u cirkostanzi ohra subitanei li fuqhom, skond l-esperjenza komuni, s-sensi jistghu jitqarqu, imma ghal kuntrarju dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudnijiet li jkunu setghu gew osservati f'perjodu twil ta' snin, bhal f'dan il-kaz, allura jsir car li xi wiehed mill-kontendenti jkun halla l-interess u l-passjoni jelbuh u b'hekk jabbuza mill-process tal-gustizzja. Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandix taqa comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq bilanc tal-probabilita u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant, eccezzjoni ta' xi kazijiet gravi li m'ghandhomx rassomiljanza mal-kaz prezenti. Anke f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti*[2]"

9. Il-Qorti, fl-istess sentenza kompliet tghid li:

[2] Ara ukoll f'dan is-sens **George Bugeja vs Joseph Meilak**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru, 2033 per Onor. Imhallef Dr. Tonio Mallia u **Gerald Desira et vs Joseph Barbara** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' April, 2010 per Imhallef Dr. Ph. Sciberras.

*"il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant*" u "*fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli*"[3].

10. Inghad ukoll mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Maria Xuereb vs Clement Gauci et** deciza fl-24 ta' Marzu 2004 li:

*"Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

1. *Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

---

[3] ara wkoll – **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta` April 2003 per Imhallef Ph. Sciberras u ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Gunju, 2006 u **Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta vs Francis Difesa** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit- fit-28 ta' Mejju 2003 per Imhallef Ph. Sciberras;

2. *Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur"*

11. Inghad ukoll mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza fit-12 ta' April, 2007 illi in materja ta' provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:

(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor)[4].

(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta'[5].

(3) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;

(4) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni

---

[4] Ara Kollez. Vol. XLVI.I.5;

[5] Ara Kollez. Vol. XXXVII.I.577;

tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma’ l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta’ revizjoni[6].

12. Mill-provi prodotti mill-intimat, anke din ir-raba eċċezzjoni tieghu ma ssibx sostenn. F’din l-eccezzjoni, l-intimat jghid li “*m’huwiex minnu li l-esponenti temm l-impjieg iżda kien l-attur li keċċa lill-konvenut inġustament u mhux skond il-ligi wara l-incident fuq il-vettura u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza*”. Il-provi mressqa minnu permezz ta’ l-affidavit tieghu ma jwasslux lit-Tribunal biex jaqbel ma din l-eccezzjoni. Ibda biex l-istess intimat fl-affidavit tieghu jghid li – wara li kien sehh l-incident fuq il-coach li kien qieghed isuq hu stess – “*f’dan iz-zmien jiena kont diġà tajtu l-avviz li ridt nitlaq u li kellhu jsib xufier iehor – dan kien f’Awwissu tas-sena 2012*” (fol. 36) u “*kien wasal żmien li kont iddeċidejt li kellhi nitlaq mix-xoghol u gimghatejn qabel ma tlaqt kont infurmajtu b’dan bil-fomm*” (fol. 36). Kompla jghid l-intimat li “*jiena kont tlaqt wara gimghatejn li kont infurmajtu li ridt nitlaq – fil-fatt meta kont tlaqt, wara li ghaddew dawn il-gimghatejn Silvio kien anki mar ghand ommi jheddidha u jghidilha biex noqghod attent minnu*” (fol. 36). It-Tribunal jistaqsi x’kienet ir-raguni l-ghala, skond l-intimat, ir-rikorrenti kien mar ifittxu jekk huwa kien keċċieh. Ma taghmilx sens, fil-fehma tat-Tribunal li persuna tkeccik imbaghad tiġi tfittxek. L-intimat isemmi t-theddid li kien ghamel ir-rikorrenti quddiem ommu, però omm l-intimat baqghet qatt ma telghet tixhed f’dawn il-proceduri u tghid x’kien sehh u x’kien inghad mir-rikorrenti fil-presenza taghha. Jekk l-intimat qieghed ighid li huwa gie mkeċċi ghax kien hemm dak li huwa maghruf bhala *constructive dismissal* it-Tribunal ukoll ma huwiex tal-fehma li dan gie ppruvat. L-intimat isemmi kif huwa qatt ma kien inghata *leave* jew *sick leave,* li kellhu jixtri huwa stess l-uniformi tal-kumpanija, li kienet inqatghet is-somma ta’ €300 mill-paga tieghu u li mart ir-rikorrenti “...

[6] Ara Kollez. Vol. XXIV.I.104;

*kienet dejjem toqghod titkerrahli u tghassisli u dejjem mohhom biex ifittxu fit-trukk biex jaraw kienx hemm xi haġa hazina*" (fol. 35). Ukoll, l-intimat fl-affidavit tieghu jsemmi "*... li x-xufiera kollha li jahdmu mal-koptako u cioe ma' Silvio kollha jitilqu minn hemmhekk bil-glied mieghu fuq il-flus. Dawn l-affarijiet kont narhom b'ghajnejha*" (fol. 36). Zied ighid li "*ix-xufiera l-ohra li kienu jahdmu mieghi kienu jghiduli biex infittex nitlaq billi kien ser ikkeccini malli jsib xufier iehor, dan kien ghall-habta ta' xahar qabel ma kont tlaqt wara li tajtu l-avviz*" (fol. 36). L-intimat mank ressaq xufier wiehed biex jsostni dak li qal huwa fl-affidavit tieghu. Minn qari ta' l-affidavit tal-intimat, it-Tribunal jasal ghall-konkluzzjoni li l-intimat ried jitlaq minn mar-rikorrenti u li huwa kien ilu jaf li kien ser jaghmel dan. Tant li meta telaq "*... fil-1 ta' Settembru, 2012 u fil-fatt kellhi job iehor lest li issa qieghed ghal qalbi hafna fih*" (fol. 36). Ukoll, id-dokument esebit minn Amanda Buttigieg ( a fol. 22) ukoll jidher li qatt ma gie kkontestat mill-intimat. La permezz ta' xi ittra fejn tiġi ribattuta r-raguni li tniżżlet u lanqas permezz tal-mezzi legali disponibbli ghalih biex jikkontesta tali raġuni. Ir-raguni tat-tmiem ta' l-impjieg mniżżla mir-rikorrenti kienet li l-intimat "*qabad u telaq*" (fol. 22) u din, kif diġà inghad, ma ġietx ikkontestata mill-intimat fiz-zmien meta saret. L-uniku darba li din ġiet ikkontestata kienet permezz ta' dawn il-proceduri. Kif diġà inghad, it-Tribunal ma huwiex konvint mill-veracita ta' dak li stqarr l-intimat fl-affidavit tieghu. Ghalhekk, t-Tribunal qieghed jichad din ir-raba eċċezzjoni ta' l-intimat.

13. Nghaddu issa biex nezamina t-talba tar-rikorrenti kif limitata permezz tan-nota tieghu datata 11 ta' April, 2013 (fol. 18) u l-verbal datat 16 ta' April, 2013 (fol. 19). It-Tribunal in vista ta' dak li inghad hawn fuq huwa tal-fehma li l-intimat verament qabad u telaq minn fuq il-lant tax-xoghol minghajr ma ta l-avviz mehtieg.

14. L-intimat beda jahdem mar-rikorrenti fis-16 ta' Jannar, 2012 u spiċċa fl-1 ta' Settembru, 2012. Jirrizulta li ma kien hemm l-ebda kuntratt ta' impjieg bil-miktub f'dan il-kaz u li l-partijiet kienu qeghdin jaqblu li l-impjieg kien wiehed tat-tip indefinit. Ghalhekk japplika l-artikolu 36(5)(b) tal-Kapitolu 452 li jghid li avviż tat-temm ta' impieg li jkun bi ħsiebu jagħmel il-prinċipal jew l-impjegat taħt kuntratt ta' servizz għal żmien bla limitu, għandu jkun ta' gimghatejn. Ghalhekk it-Tribunal ma jistax jaqbel

ma dak li stqarr id-difensur tar-rikorrenti – fil-verbali tas-16 ta’ April, 2013 u 16 ta’ Ottubru, 2013 – li l-intimat kellhu jaghti tlett ġimghat *notice*. L-intimat ghamel seba’ xhur u nofs jahdem mar-rikorrenti u l-paga settimanali tieghu – skond id-dokument li jinsab esebit a fol. 32 tal-process – kienet ta’ €158.11. Allura l-intimat ghandu jaghti dan l-ammont ghal darbtejn. B’kollox tlett mija u sittax-il euro u tnejn u ghoxrin ċenteżmu (€316.22).

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni ta’ l-intimat li t-Tribunal ma ghandux kompetenza li jiddeċiedi dan il-kaz, qieghed jichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tieghu in vista ta’ dak li inghad hawn fuq, u konsegwentement qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti limitatament ghal ammont ta’ tlett mija u sittax-il euro u tnejn u ghoxrin ċenteżmu [€316.22] u konsegwentement jikkundanna lill-intimat jhallas lir-rikorrenti s-somma ta’ tlett mija u sittax-il euro u tnejn u ghoxrin ċenteżmu [€316.22] bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mil-lum.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------